# Animazzjoni - Jum il-Milied (Sena Ċ)

**Dħul:**

Illum qed niċċelebraw is-solennità tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. il-Knisja illum tifraħ b'dan il-misteru hekk kbir tal-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla fostna għas-salvazzjoni sħiħa tagħna.
Imqanqlin b'dan il-ferħ hekk kbir, nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma naraw li permezz tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, id-dinja kollha tagħraf l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem. Dan il-kliem tal-Profeta Isaija jibqa jidwi matul is-snin. Iżda issa Alla tkellem permezz tal-għotja ta' ibnu lid-dinja bħala bniedem. Huwa dan il-Verb; Alla li ħa s-sura ta' bniedem u ġie jgħammar fostna biex aħna nkunu salvi.
Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t' Alla.

**Salm Responsorjali:** Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

**Offertorju:**

Kristu ġie fostna bħala bniedem biex isalvana. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna għal dan il-misteru hekk kbir billi nressqu dawn l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Alla ġie jgħammar fostna ġewwa Betlehem elfejn sena ilu, iżda HU għadu jagħmel hekk kull darba li aħna nersqu bi ħġarna sabiex nirċevuh fl-Ewkaristija.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.